# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## IMHALLEF

## ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Illum 24 ta' Mejju 2002**

**Appell Nru 78/2001**

**Il-Pulizija**

**v.**

**-- *omissis* --**
**Carmelo Agius**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet, originarjament migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Nicholas Aquilina, Saviour Dimech u Carmelo Agius talli matul il-lejl ta' bejn it-8 ta' Settembru 1998 u d-9 ta' Settembru 1998, ghall-habta ta' nofs il-lejl, waqt li kienu f'Haz-Zebbug (**1**) minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu l-hajja ta' haddiehor u cioe' ta' Tarcisio Mifsud minn Haz-Zebbug, f'periklu car, permezz ta' armi rregolari (katina u flixkun tal-hgieg) ikkagunawlu griehi ta' natura gravi fuq il-persuna tieghu skond ma ccertifika Dr. Stephen Muscat MD tal-Isptar San Luqa; (**2**) kif ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' pjanti u diversi oggetti ohra, kif ukoll il-vettura bin-numru tar-Registrazzjoni ENE-097, liema hsara (li tammonta ghal akatar minn hames mitt lira (Lm500)) saret a detriment ta' Tarcisio Mifsud minn Haz-Zebbug, u a detriment tal-Korporazzjoni Enemalta rispettivament; u aktar (**3**) talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kkommettew serq ta' sett cwievet, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, hin u bil-lok, u sar a detriment ta' Tarcisio Mifsud minn Haz-Zebbug; (**4**) Saviour Dimech wahdu kien akkuzat talli nhar l-10 ta' Settembru, 1998, f'dawn il-Gzejjer, halef il-falz quddiem Magistrat jew quddiem ufficjal iehor li ghandu s-setgha li jaghti l-gurament; (**5**) u l-istess Saviour Dimech gie akkuzat ukoll wahdu talli nhar l-10 ta' Settembru, 1998, f'dawn il-Gzejjer, bil-qerq holoq jew gieghel jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu 'l quddiem jiswew bi prova kontra persuni u cioe' Nicholas sive Kola Aquilina mis-Siggiewi u Carmelo Agius mis-Siggiewi, bil-hsieb li b'hekk dawn il-persuni jkunu jistghu jigu kontra s-sewwa akkuzati jew misjuba hatja ta' reat; fl-ahharnett it-tlieta li huma (**6**) kienu akkuzati talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bil-lejl kisru l-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat, jew mod iehor;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-9 ta' April, 2001 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lil (a) **Nicholas Aquilina** hati li kkaguna feriti ta' natura hafifa fuq Tarcisio Mifsud; sabitu hati wkoll ta' serq aggravat bil-vjolenza u bil-hin, hati li volontarjament ikkaguna hsara kemm fil-proprjeta` ta' Tarcisio Mifsud u kemm fuq vettura proprjeta` tal-Korporazzjoni Enemalta (liema hsara globalment teccedi l-Lm50, izda hi anqas minn Lm500), u fl-ahharnett sabitu hati tal-kontravenzjoni li kiser volontarjament il-bon ordni u l-paci pubblika; lil (b) **Saviour Dimech** sabitu hati li kkaguna feriti ta' natura hafifa fuq Tarcisio Mifsud, li volontarjament ikkaguna hsara fil-prorjeta` ta' Tarcisio Mifsud, liema hsara teccedi l-Lm50 izda hi anqas minn LM 500, li ha gurament falz quddiem il-Magistrat, kif ukoll hati tar-reat kontravenzjonali li kiser volontarjament il-bon ordni u l-paci pubblika, izda lliberatu mill-imputazzjonijiet l-ohra; u sabet lil (c) **Carmelo Agius** hati tal-kontravvenzjoni li kiser volontarjament il-bon ordni u l-paci pubblika u lliberatu mill-imputazzjonijiet l-ohra kollha; permezz ta' l-istess sentenza l-imsemmija **Nicholas Aquilina** u **Saviour Dimech** gew illiberati taht l-Artikolu 9 tal-Kap. 152 bil-kundizzjoni li ma jikkommettux reat fi zmien tlett snin u sentejn rispettivament (mid-data ta' dik is-sentenza), kif ukoll ikkundannat lil kull wiehed minnhom ghal ammenda ta' hamsa w ghoxrin lira (Lm25) fuq l-imputazzjoni numru sitta; kwantu ghal **Carmelo Agius** dik il-qorti kkundanntu ammenda ta' hamsa w ghoxrin lira (Lm25);

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali, minnu ppresentat fis-26 ta' April, 2001, li permezz tieghu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza in kwantu tirrigwarda lil Carmelo Agius;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

1. Dana l-appell hu limitat ghas-sentenza in kwantu din tirreferi ghal Carmelo Agius, fis-sens li hu biss Carmelo Agius li hu l-appellat f'dana l-istadju.

2. L-aggravju ta' l-Avukat Generali hu migjub f'paragrafu qasir ta' ftit linji li jghid semplicement hekk: *Illi l-aggravju hu car u manifest u jikkonsisti filli l-ewwel Qorti qalet li l-provi kontra l-appellat Carmelo Agius urew li dan fil-fatt kien komplici biss u ghalhekk l-Artikoli li gew indikati mill-Avukat Generali ma kienux ikopru tali ipotesi. Illi bir-rispett dan hu zbaljat legalment ghax l-istess appellat Carmelo Agius gie akkuzat bir-reati relattivi u seta ghalhekk jinstab hati bhala komplici anke jekk akkuzat bhala awtur. Issir referenza ghall-artikolu 467(2) tal-Kodici Kriminali. Illi ghalhekk l-appellat kellu jinstab hati tal-akkuzi li minnhom gie lliberat minhabba f'hekk.*

3. Permezz tan-nota tieghu tat-2 ta' Awissu, 2001, l-appellant Avukat Generali indika diversi pagni fil-process minn fejn, skond hu, bhala fatt tirrisulta l-htija tal-appellat. Ghandu

jinghad dwar din in-nota – apparti li hija semplici elenku ta' pagni minghajr l-icken tentattiv ta' argumentazzjoni dwar fatti jew dwar il-ligi applikabbli ghall-kaz – li r-referenzi ghall-istqarrijiet ta' Nicholas Aquilina u ta' Saviour Dimech huma ghal kollox barra minn lokhom peress li, kif jipprovdi l-Arikolu 661 tal-Kodici Kriminali, konfessjoni ma taghmilx prova hlief kontra minn jaghmilha, u mhix ta' pregudizzju ghal ebda persuna ohra. Fil-mori ta' l-appell l-Avukat Generali ma talbx li jipproduci bhala xhieda lil Aquilina u lil Dimech, li l-kaz taghhom kien issa spicca b'mod li ma baqghux "ko-akkuzati" ghall-finijiet tar-regola gurisprudenzjali li tirrendi lill-ko-akkuzat inkompetenti bhala xhud favur jew kontra ko-akkuzat iehor.

4. L-ewwel punt li jrid jigi determinat, pero`, huwa jekk l-Avukat Generali ghandux dritt ta' appell f'dana l-kaz. L-appellant jikkontendi li l-ewwel qorti enuncjat jew applikat hazin il-ligi meta rriteniet li peress illi fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju l-Avukat Generali ma kienx ikkwota l-artikolu tal-ligi li jikkontempla l-komplicita`, allura hija ma setghetx issib lil Carmelo Agius hati bhala komplici fir-reati indikati fl-imsemmija nota. L-appellant, f'dan ir-rigward, ghandu ragun. Kif din il-Qorti rriteniet diversi drabi, persuna li tigi akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala awtur ta' delitt, tista' tinstab minn dik il-qorti hatija sia ta' komplici f'dak id-delitt kif ukoll hatja biss ta' tentattiv ta' dak id-delitt (***Il-Pulizija v. Godfrey Seisun et.*** App. Krim., 2/5/1994; ***Il-Pulizija v. Michael Carter*** App. Krim., 7/12/2001). Din hija l-linja li dejjem hadu l-Qrati ta' Gustizzja Kriminali taghna; u kienet tkun sitwazzjoni pjuttost stramba, jekk mhux addirittura assurda, li kieku filwaqt li fil-procedura solenni tal-guri persuna li tkun akkuzata bhala l-awtur ta' reat tista' tinstab hatja bhala komplici f'dak ir-reat jew hatja ta' tentattiv ta' dak ir-reat (Art. 467(2)(4)[1], Kap. 9), fil-procedura essenzjalment "sommarja" quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tali possibilita` ma kientx tezisti. Ghalhekk f'dan il-kaz kien hemm kjarament enuncjazzjoni zbaljata tal-ligi da parti ta' l-ewwel qorti, b'mod li l-Avukat Generali ghandu dritt ta' appell minn dik is-sentenza.

5. Stabbilit, ghalhekk, id-dritt ta' appell ta' l-Avukat Generali, wiehed irid jara jekk l-appellat Agius kienx awtur jew komplici fir-reati addebitati kontra tieghu fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju.

6. Din il-Qorti ezaminat bl-akbar reqqa l-atti kollha tal-kawza, u tasal ghall-konkluzzjoni li ma tistax issib lill-appellat Agius hati la bhala awtur u anqas bhala komplici fir-reati ipotizzati fl-ewwel tlett imputazzjonijiet indikati fil-bidu ta' din is-sentenza.

[1] B'effett mill-1 ta' Mejju, 2002, is-subartikolu (2) tal-Artikolu 467 inbidel sostanzjalment b'mod li jaghti aktar latitudini lill-qorti. Ghall-finijiet ta' dana l-appell din il-Qorti ma tarax li ghandha ghalfejn tidhol f'din l-emenda.

Ma hemmx dubbju li l-vjolenza selvaggja li ghaliha gie assoggettat Tarcisio Mifsud giet minn idejn Aquilina u Dimech, u li dawn it-tnejn kienu wkoll responsabbli ghall-hsara fil-proprjeta`; filwaqt li Aquilina kien hati wkoll ta' serq. Fi kliem iehor, Agius b'ebda mod ma kien l-ezekutur materjali (l-awtur) ta' dawn id-delitti. Biex Agius jista' jinstab hati bhala komplici f'dawn id-delitti (jew imqar f'wiehed minnhom) irid jirrisulta sodisfacentement pruvat mill-prosekuzzjoni – cioe` pruvat lil hinn mid-dubbju dettat mir-raguni – li dana Agius (i) kien jaf li Aquilina u/jew Dimech kienu ser iwettqu xi wiehed minn dawn id-delitti u (ii) li hu deliberatament ghinhom biex hekk iwettqu d-delitt billi ghamel xi haga li tinkwadra f'wiehed mill-paragrafi (a) sa (e) tal-Artikolu 42 tal-Kodici Kriminali. Is-semplici fatt li Agius mar ma' Aquilina u Dimech, u anke kien fuq il-post waqt li dawn it-tnejn wettqu d-delitti in kwistjoni, ma jfissirx necessarjament li hu kien jaf x'kellhom f'mohhom li jaghmlu l-istess Aquilina u Dimech. Huwa veru li l-presenza ta' persuna fuq il-post tad-delitt u waqt li jkun qed jigi kommess id-delitt tista' tammonta ghall-komplicita` f'dak id-delitt kemm-il darba jkun jirrisulta li bejn dik il-persuna u l-awtur tad-delitt kien hemm il-hsieb komuni li jsir dak id-delitt, u li l-presenza ta' dik il-persuna effettivament assistiet lill-awtur, anke jekk biss moralment, biex iwettaq dak id-delitt. Fil-kaz in dizamina, pero`, hija plawsibbli t-tezi tal-appellat li hu ma kellux idea li Aquilina u Dimech kienu sejrin jaghmlu xi haga li tammonta ghal reat (u dan minkejja li jammetti li huma w sejrin Haz-Zebbug, Aquilina qabad xi gebel u poggihom fil-karozza – gebel li, pero`, ma ntuzaw f'ebda hin waqt l-aggressjoni jew waqt il-kommissjoni tar-reati (fol. 123)); u li hu sar jaf x'kellhom f'mohhom biss kif appena bdiet l-aggressjoni fuq Tarcisio Mifsud, mill-liema stadju 'l quddiem huwa ma ghamel xejn biex jghinhom jew jassistihom iwettqu dawk id-delitti (apparti, dejjem, li ma jistax jinghad li jirrisulta pruvat li hu ried li jsiru dawk l-atti li jammontaw ghal delitt). Anke l-ewwel qorti, f'parti mis-sentenza taghha, tghid li Agius "kien semplici spettatur"; pero` f'parti ohra tas-sentenza tghid (ghalkemm indirettament) li hu kien komplici, minghajr, pero`, ma tispjega kif giet radikata dik il-komplicita`. Fi kliem iehor, fil-kaz in dizamina din il-Qorti ma tarax li tista' ssib lill-appellat hati ta' komplicita` fir-reati ipotizzati fl-ewwel tlett imputazzjonijiet.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

Aldo testone
Deputat Registratur